*Is-Siġġiewi fl-Imgħoddi*

# Mill-Ittra Pastorali tal-Isqof Sant



**Kitba ta' Lorenzo Zahra**



Xtaqt nagħti ftit tagħrif dwar is-Siġġiewi li jiena ġbart mill-kitba tal-Vista Pastorali ta' Mons. Publio M. Sant, Isqof tal-gżira li għamel f'Mejju 1849.

Wara tlett ijiem ta' preparazzjoni b'missjoni predikata minn Dun Manwel Speranza u Dun Feliċ Darmanin, l-Isqof ġie bis-solennità jżur is-Siġġiewi. Kien meħud il-Knisja bi proċessjoni, kif kien isir is-soltu, taħt il-baldakkin u kif wasal il-Knisja ta' San Nikola qagħad fuq it-tron imħejji u qaddes pontifikal. Wara żar l-artal maġġur, is-sagristija u osserva li kien hemm il-bżonnijiet kollha u kollox f'qagħda tajba.

Wara żar il-knejjes tar-raħal. Beda bil-Knisja ta' San Ġwann Dekolata (il-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann). Din knisja benefiċjali u kien milqugħ mill-qassis li jieħu ħsieb il-benefikat, Dun Ġwann Cachia minn Ħaż-Żabbar.

Mar iżur il-knisja l-oħra ta' Santa Marija Assunta li hija tal-Patrijiet Dumnikani u hemm kien hemm Patri Ġużepp Calleja. Żar il-knisja u sab kollox xieraq u jsemmi l-kalċi u l-patena li bihom isir il-Quddies. Wara mar il-Knisja ta' Santa Margerita Verġni u Martri li hija ta' patrimonju lajk f'idejn it-Tabib Nikol Galdes. Minn hemm għall-Knisja ta' San Mark Evanġelista li sab fiha l-bżonnijiet kollha għall-kult divin. Imbagħad saret żjara lill-Knisja tal-Madonna ta' Trapani tal-Baruni Lorenzo Testaferrata u hemm laqgħuh kemm il-baruni kif ukoll Dun Franġisk Vella miż-Żejtun. Ordna li jissewwa l-iskannel u l-mejda tal-artal. Żaru wkoll il-Knisja tal-Lunzjata f'Tal-Għolja li jagħmel minnha l-kappillan. Żaru wkoll il-Knisja ta' San Lawrenz Levita Martri f'Tal-Għolja li kienet eredità tal-Markiża Eliżabetta Muscati Dorell tal-Birgu. Imbagħad żaru l-Knisja tal-Fawwara dedikata lill-Madonna tal-Karmnu li jieħdu ħsiebha l-Fratelli tal-Madonna tal-Karità ta' San Pawl tal-Belt kif imħollija mill-Fundatriċi Ġlorma Ciantar. Kien hemm Dun Ġużepp Zammit il-endarju kif ukoll il-Prokuratur tal-Fratellanza Dr Tumas Agius. Deher li kienet miżmuma tajjeb u jieħdu ħsiebha sew. Saret żjara fiċ-Ċimiterju tal-pesta tal-1813 u wara l-Knisja tal-Madonna tal-Providenza fejn kien hemm artal tal-irħam u devozzjoni ta' bosta nies. Żaru wkoll il-Knisja ta' San Nikola de Arenis li fiha kien hemm artal tal-ġebel u kienet miżmuma b'mod xieraq u wara żaru wkoll il-Knisja ta' Ħax-Xluq li hija tal-Parroċċa. Marru wkoll iċ-Ċimiterju tar-raħal li fejn kien hemm salib tal-irħam.

Naturalment l-Isqof kellu miegħu Monsinjur juri li f'xi knejjes rurali marru huma. Fost dawn kien hemm Dun Pawl Falzon, ħu l-Beatu Nazju Falzon.

Huma eżaminaw il-kotba kif huma miżmuma u osservaw ir-reġistri tal-Magħmudija u taż-Żwiġijiet li jibdew mis-sena 1555. Ma' dawn kien hemm reġistri tal-mejtin u tal-Griżma li jibdew mis-sena 1575. Iltaqgħu wkoll mal-qabla tar-raħal li kienet Margerita Said, mart Franġisku.

Wara l-Isqof iltaqa' ma' diversi qassisin li kellhom karigi fil-Parroċċa. Kien hemm Dun Pawl Camilleri, Dun Franġisk Balzan, Dun Mikiel Zammit li jieħdu ħsieb il-Veneranda Lampada. Dun Giuseppe Vassallo kien jieħu ħsieb l-Adorazzjoni Perpetwa, Dun Vinċenz is-Sodalità tal-Agunija, dik tal-Erwieħ f'idejn Dun Ġużepp Sciberras. Ta' San Ġużepp f'idejn Dun Alwiġ Azzopardi waqt li Ġużeppi kien prokuratur ma' Giuseppi Balzan. Dun Salv Mamo kien jieħu ħsieb il-Vjatku. Dun Mikielanġ Azzopardi kien jieħu ħsieb l-artal tal-Purifikazzjoni, Santu Rokku u Sant'Andrija waqt li tal-Bon Kunsill kienet f'idejn Dun Ġużepp Farrugia. Il-bini tal-Knisja kien f'idejn Dun Vinċenz Gambin u Mro Giuseppi Chircop. Il-Via Sagra f'idejn Dun Ġużepp Zammit waqt li Dun Mikiel Zammit kien ċerimonjier, puntitur, Sagristan Maġġur u jieħu ħsieb ukoll il-Knisja tal-Lunzjata tal-Għolja. Il-Knisja tal-Providenza kien jieħu ħsiebha Dun Nikol Schembri u dik ta' Ħal Xluq kienet f'idejn Dun Nikol Micallef.

Dan it-tagħrif huwa meħud mill-V.P. ta' Mons. Sant - 1849

